MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 740/1998/1

**It-Tabib George J. Hyzler, bhala Direttur Ezekuttiv tal-International Institute On Aging, u t-Tabib Joseph L. Pace u l-Prof. Karmenu Mallia, fil-kwalita' taghhom ta' organizzaturi tal-Konferenza Rheumaderm u b' nota pprezentata fit-8 ta' Gunju 2001 Profs. Frederick Fenech jassumi l-atti flok it-Tabib George Hyzler**

**vs**

**Public Broadcasting Services Ltd.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 13 ta' April 1998 li giet ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponew: -

Illi fil-5 ta' Dicembru 1997, l-atturi organizzaw u pproducew kuncert fil-Mediterranean Conference Centre, liema sala kienet mikrija a spejjez tal-atturi ghall-avveniment, u dan bhala parti minn attivita` konsistenti f'konferenza intergovernattiva dwar *Aging Populations* fil-Mediterran; u

Illi l-protagonisti tal-kuncert, cioe` l-kantanta soprano Myriam Gauci, u l-orkestra taht id-direzzjoni tal-Mro. Michael Laus, thallsu mill-atturi; u

Illi ghalkemm l-atturi u l-konvenuti kienu ddiskutew kumpens ghall-gbid ta' filmat tal-kuncert, ma ntlahaqx qbil bejn il-partijiet;

Illi ghalkemm ma ntlahaqx dan il-qbil, dakinhar tal-kuncert impjegati tal-konvenuti attendew ghall-kuncert minghajr permess tal-atturi, u gibdu l-filmati li dehrilhom minn jeddhom u minghajr permess;

Illi sussegwentement, partijiet mill-kuncert gew murija fuq il-kanal televisiv operat mill-konvenuti, anke f'dan il-kaz minghajr il-permess tal-atturi;

Illi dan l-agir iledi d-drittijiet tal-awtur tal-atturi bhala proprjetarji tad-drittijiet ta' xandir tal-kuncert organizzat minnhom kontra d-dispost tal-Kap. 196 tal-Ligijiet ta' Malta, *oltre* milli jmur kontra l-istess nuqqas ta' qbil registrat fit-tahdidiet li sehhew qabel ma nzamm il-kuncert;

Illi dan l-wiri ta' siltiet fuq il-programmi televizivi irrenda lill-atturi responsabbli wkoll ghad-danni konsistenti f'hlasijiet addizzjonali dovuti lill-muzicisti, kif jirrizulta mill-anness Dok. A;

Illi ghalkemm inerpellati (Dok. B), il-konvenuti offrew tranzazzjoni inaccettabbli ghall-atturi (Dok. C);

Jghidu 'l ghaliex il-konvenuti din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjarahom responsabbli ghall-agir illegali li jledi d-drittijiet tal-atturi bhala awturi protetti bil-Kap. 196 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi *a tenur* tal-Art. 13 (3) tal-Kap. 196, inkluz izda mhux biss dak l-ammont li sar dovut naxxenti mill-obbligu derivat lill-atturi ghal hlasijiet addizzjonali lill-muzicisti bil-wiri tal-programmi televizivi, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundannahom ihallsu lill-atturi dik is-somma hekk likwidata;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jirritornaw lill-atturi l-artikoli kollha li jiksru d-drittijiet tieghu, konsistenti f'*tapes* tal-kuncert.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-10 ta' Dicembru 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Public Broadcasting Services Ltd. datata 22 ta' Settembru 1998 (fol 13) fejn esponew: -

1. Preliminarjament illi l-attur it-tabib Dr. George J. Hyzler m'ghadux jokkupa l-kariga ta' direttur ezekuttiv tal-International Institute on Aging, u ghalhekk m'ghandux *"locus standi"* fil-gudizzju;

2. Illi fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Ghalkemm kien hemm negozjati bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta ghal gbid tal-kuncert intier (u fuq dan ma ntlahaqx ftehim) rapprezentanti tal-atturi staqsew lill-impjegati tas-socjeta` konvenuta biex jingibdu siltiet; u infatti fis-sala l-*"cameraman"* iffilmja apertament quddiem kulhadd bla ma gie mizmum minn hadd.

3. *Inoltre* l-eccipjenti ma wettqu ebda ksur tal-Kap.196 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas, kif pretiz mill-atturi, ma marru kontra n-nuqqas ta' qbil fl-imsemmija negozjati ghax dawn kienu jirrigwardaw l-intier. In partikolari s-siltiet li intwerew f'zewg programmi televizivi, intwerew fil-kuntest ta' programmi kulturali bhala rivista u rapportar ta' avveniment kulturali korrenti.

4. Illi l-ammont li l-atturi qed jltolbu ghal danni konsistenti f'hlasijiet addizjonali talvolta dovuti lill-muzicisti huma ipotetici u spekulattivi billi imkien ma gie allegat li dan l-ammont thallas u jista' anki ma jkunx dovut.

Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici huma nfondati u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi li jibqghu mharrkin ghas-subizzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Novembru 2000 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta (fol 26) fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd; billi l-kawza kienet giet differita ghac-cessjoni u meta ssejhet ma deher hadd, il-kawza giet differita *Sine Die*.

Rat ir-rikors tal-atturi datata 7 ta' Frar 2001 (fol 27) fejn talbu lill-Qorti joghgobha terga' tpoggi din il-kawza fuq il-lista ghas-smigh f' data u jum konvinjenti ghaliha; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u appuntat il-kawza ghas-seduta tat-30 ta' Marzu 2001, u dan kif jidher mid-digriet moghti fid-9 ta' Frar 2001.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Gunju 2001 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn gietipprezentata nota ta' assunzjoni tal-atti da parti tal-Profs Frederick Fenech. Il-Qorti ghalhekk ordnat il-korrezzjoni fl-okkju tac-citazzjoni u kull fejn jirrikorri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Ottubru 2005 (fol 115) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn deher Dr. Simon Tortell ghall-atturi. Il-kumpanija konvenuta u l-Avukat taghha Dr. Joseph Refalo msejhin

tliet darbiet ma dehrux. Dr. Simon Tortell tratta l-kawza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Frar 2006; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tad-29 ta’ Novembru 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Marzu 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta’ Marzu 2013 u tal-31 ta’ Ottubru 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b’ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita ghas-27 ta’ Frar 2014 ghall-istess skop tal-verbal prcedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza, flimkien ma’ numru ta' kawzi ohra, giet assenjata lil din il-Qorti kif attwalment presjeduta b'Digriet ta' Surroga tas-16 ta' Jannar 2013.

Illi din hija kawza fejn l-atturi fil-kwalita' premessa taghhom qed isostnu li s-socjeta` konvenuta xandret kuncert muzikali li kienu organizzaw u pproducew minghajr l-awtorizzazzjoni taghhom, u dan bi ksur tad-drittijiet tal-istess atturi *nomine* bhala proprjetarji tad-drittijiet tax-xandir tal-kuncert naxxenti mid-dispozizzjonijiet tal-Kap 196 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk qed issir din il-kawza ghal dikjarazzjoni ta’ ksur ta’ dritt tal-awtur u ghad-danni pretizi.

Illi l-ewwel eccezzjoni preliminari ssollevata mis-socjeta` konvenuta giet sorvolata bl-assunzjoni tal-atti mill-Professur Fredrick Fenech.

Illi s-socjeta` konvenuta opponiet ghat-talbiet fuq il-mertu in kwantu li eccepiet li rapprezentanti tal-atturi staqsew lill-impjegati tas-socjeta` konvenuta biex jingibdu siltiet, u li dan sar apertament minghajr ma twaqqfu; li ma gibdux il-

kuncert fl-intier u s-siltiet li ntwerew f'zewg programmi televizivi, intwerew fil-kuntest ta' programmi kulturali bhala rivista u rapportar ta' avveniment kulturali korrenti. Fl-ahhar eccipew li l-ammont mitlub ghad-danni konsistenti f'hlasijiet addizzjonali talvolta dovuti lill-muzicisti huma ipotetici u spekulattivi billi imkien ma gie allegat li dan l-ammont thallas u jista’ anki ma jkunx dovut.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. *The International Institute on Aging* (INIA) kienet ttellet kuncert fil-*Mediterranean Conference* Centre fil-5 ta' Dicembru 1997. Dan il-kuncert kienet parti minn attivita konsistenti f'konferenza inter-governattiva dwar *Aging Population* fil-Mediterran u l-kuncert kien organizzat flimkien ma' *RheumaDerm.* Jirrizulta li impjegati tal-*Public Broadcasting Services Limited* gibdu filmati tal-kuncert, u dawn gew imxandra fuq il-programm "*Sellili*" fil-11 ta' Dicembru 1997 u fuq *Meander* minghajr ma kien hemm l-ebda ftehim mal-organizzaturi tal-kuncert.

Qabel ma tezamina l-provi prodotti jirrizulta minn qari semplici ta' dawn l-eccezzjonijiet li hu pacifiku bejn il-partijiet li ma kienux lehqu qbil fuq il-gbid ta' filmat tal-kuncert.

**<u>PROVI PRODOTTI</u>**

Xehed **it-Tabib George Hyzler**[1] qal li hu kien Direttur ta’ l-*Institute for the Ageing,* (INIA) bejn is-sena 1995 u 1998. Giet organizzata konferenza *“Intergovernmental Conference on Ageing Population”,* bl-appogg tal-Ministeru ta’ l-Affarijiet barranin u *RheumaDerm.* Iddecidew li jorganizzaw kuncert muzikali li kellu jsir fil-5 ta’ Dicembru 1997.

Dan il-kuncert sar fil-fatt gewwa l-*Mediterranean Conference Centre,* u l-kantanta principali kienet Myriam Gauci li kellha tkanta bl-orkestra, taht id-direzzjoni tal-Maestro Michael Laus.

---

[1] Seduta ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-8 ta' Gunju 2001 a fol. 45 *et seq.* tal-process.

Qabel il-kuncert, li kien jiswa hafna flus, l-attur kien tkellem mas-Sur Albert Marshall in rapprezentanza tal-PBS u talbu elfejn Lira (illum 4,658.75 ewro) jekk kienu interessati li jixtru dan il-kuncert. Ma lahqux ftehim u x-xhud ghalhekk qal "*No deal."*

Pero', imbaghad, waqt il-kuncert l-attur ra lil ta' PBS jiffilmjaw il-kuncert, bla ebda awtorizazzjoni minn ghandu. Sussegwentement, gabu siltiet minn dan il-kuncert fuq programmi televizivi, senjatament *Meander* u *Sellili.* Myriam Gauci kienet fuq wiehed minn dawn il-programmi u kienet sorpriza meta urew il-filmat. Difatti qabel il-kuncert kienet tkellmet mal-attur u qaltlu li jekk ser jiffilmjaw il-kuncert riedet teditjah qabel ma jintwera.

Barra minn hekk, l-attur kellu ftehim ma' tal-orkestra li jekk il-kuncert se jintwera fuq it-TV, riedu hlas iktar. Fil-fatt kienu baghtu ittra u talli ntwera fuq it-TV riedu hlas addizzjonali ta' Lm12.00 r-ras (*vide* Dok A ezebit a fol. 5 tal-process). Minghalih, kellu xi erbghin bandist u l-attur bilfors kellu jirrifondi lilhom dan il-hlas addizzjonali, li kienu spejjez kbar ghalihom.

Il-kuncert kien swielu fuq Lm6,500 fi spejjez ta' kantanti, muzicisti, id-direttur u spejjez tal-post.

Qal li seta' jara l-*camera* li kienet qed tigbed il-kuncert fl-intier tieghu. Tal-PBS dahlu minghajr permess.

Rega' xehed fis-seduta tas-17 ta' Frar 2004 u kkonferma li kien talab elfejn lira hlas mill-PBS ghall-iffilmjar tal-kuncert. Ma kellux interess hu li jhallas elfejn lira. Anzi cahad li l-PBS qatt semmewlu li jithallsu huma elfejn lira. "*Elfejn lira ssemmiet minni u qatt ma biddlet il-figura u huma qatt ma talbuni sold."*

Qal li Lino Zahra qatt ma kellu struzzjonijiet ghaliex kien hu, ix-xhud, li kien id-Direttur tal-Istitut. Kien sorpriz meta nduna li kienu qed jiffilmjaw waqt il-kuncert.

**In kontro ezami** qal li ma kienx jaf kemm gabu mill-kuncert fuq it-televizion. Qal li s-somma ta' elfejn lira talabhom mill- PBS ghal *copryright* tal-avveniment.

Xehed **Lino Zahra**[2], Financial Controller mal-*Institute for the Ageing,* liema kariga kien ga jokkupa fiz-zmien li sar il-kuncert u cioe` fis-sena 1997. Qal li c-*Chairman* dak iz-zmien kien Dr. George Hyzler. Il-Kuncert kien organizzat flimkien mal-organizzaturi tal-konferenza RheumaDerm. Hu kkonferma li l-INIA ma tat l-ebda permess lill-PBS biex jittrazmetti l-kuncert.

Qal li ftit jiem qabel il-kuncert kellhom laqgha mal-Executive tal-PBS Mr. Marshall, biex jaghtuwhom permess li jiffilmjaw il-kuncert kollu u jaghmlu uzu minnu kemm f'Malta kif ukoll fl-esteru, izda ma ntlahaq l-ebda ftehim, peress li s-somma mitluba kienet gholja wisq ghal PBS. Konsegwentement, intwerew zewg estratti tal-kuncert f'zewg programmi televizivi differenti.

Hu eskluda li kien hemm xi ftehim biex il-PBS jiffilmjaw siltiet tal-kuncert.

**In kontro ezami** qal li kemm Myriam Gauci kif ukoll il-Maestro Laus irrinunzjaw ghal kull pagament iehor addizzjonali li kieku kellu jigi filmjat izda ircevew ittra minn Freddie Tonna ghan-nom tal-muzicisti (**DOK A -** datata 11 ta' Dicembru 1997).

Xehed **Joseph Galea**, Executive Manager mal-PBS[3]. Jiftakar li ghal habta tal-ahhar ta' Novembru 1997, ic-Chief Executive tal-PBS u cioe` Albert Marshall qallu li kienet se ssir laqgha ma' persuna nkarigata mill-*Institute of the Ageing,* Dr Hyzler, fir-rigward xi attivita' li kienet se tigi organizzata minnhom. Fil-laqgha, li kienet saret fl-ufficcju ta' Albert Marshall, sar qbil fir-rigward il-pubblicita' tal-attivitajiet kollha mnedija mill-Istitut, li din tigi trasmessa bla hlas. Il-pubbicita' kienet harget f'diversi programmi ta'

---

[2] Seduta ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-3 ta' Mejju 2002 a fol. 55 *et seq.* tal-process.

[3] Seduta ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-29 ta' Ottubru 2003 a fol. 72 *et seq.* tal-process.

natura kulturali, fosthom fil-programm *Meander* u *Sellili,* ghal xi minuta jew ftit aktar kull wahda.

Qal li l-kuncert ma giex irregistrat kollu, izda biss bicciet minnu, b'kollox xi ghoxrin minuta mill-kuncert.

Sa fejn jaf hu, minn dak li ngibed mill-PBS, il-kuncert qatt ma xxandar bhala kuncert, izda siltiet li xxandru waqt intervista mas-Soprano Myriam Gauci waqt il-programm *Meander.* Hadd ma baghat ghalih wara li xxandru s-siltiet fil-programm *Meander* biex ikellmuh dwaru.

Il-*crew* li kien mar jigbed il-kuncert, u cioe` Charles Grech u Anthony Attard, kien baghathom hu stess, izda ma kienx mar maghhom. Il-*footage* li ngibed dakinhar mill-PBS ghadu disponibbli u mizmum fl-arkivji.

Qal li mhux minnu li Dr. Hyzler kien talab Lm2,000, izda kienet il-PBS li saqsiet ghal dak l-ammont jekk il-kuncert isir bis-sistema tal-Outside Broadcasting. Din is-somma ssemmiet fil-*costings* li kien ghamel hu stess. Barra minn hekk, ma qabdux u dahlu f'dar il-Mediterran, izda marru ghax kienu mitluba jmorru.

Sussegwentement, xehed in **kontro-ezami** fis-seduta tas-17 ta' Frar 2004 (fol. 80), fejn qal li s-Sur Zahra, l-*accountant* ta' l-*Institute,* kien li stedinhom biex imorru jiffilmjaw brani tal-attivita'. Ikkonferma li waqt il-laqghat fejn kien prezenti l-atturi qatt ma ghamlu talba biex jithallsu Lm2,000. Bil-kelma "jiffilmjaw" kien qed ifisser li jaghmlu dawk li huma msejhin "*rushes"* jigifieri "*brani tal-attivita`."*

Xehed ukoll **<u>Albert Marshall</u>**[4] li fiz-zmien tal-kaz in kwistjoni kien jokkupa l-inkarigu ta' Chief Executive fil-PBS u dan mis-sena 1996 sa 1999.

---

[4]Seduta ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-17 ta' Frar 2004 a fol. 82 *et seq.* tal-process.

Xehed li l-kuncert qatt ma ntwera fuq it-TV, fi kliemu stess: *"Le fuq it-television ma kien deher qatt".* Dan peress li l-*costing* tal-programm ma setax jassorbih hu.

Pero', ammetta li kienu intwerew siltiet mill-kuncert fuq il-programm *Meander*, peress li Myriam Gauci kienet talbet ghal din ix-xewqa (minghajr hlas) li tidher fuq it-TV fir-rigward dan il-kuncert partikolari. Myriam Gauci qatt ma oggezzjonat fuq dawn is-siltiet u lanqas il-muzicisti.

**In kontro-ezami** qal li ma kienx jiftakar li t-Tabib Hyzler qallu li ma setghux jiffilmjaw il-kuncert u qallu "*no deal."* Mistoqsi jekk it-Tabib Hyzler qallu diskors fis-sens li talbu elfejn lira biex jiffilmjaw il-kuncert wiegeb "*Jekk intqal dan id-diskors kien verbali."..Jekk it-Tabib Hyzler xehed hekk taht gurament u jiena ma nistax naghmel 'recollection' ta' dan il-kaz allura t-tabib Hyzler ghandu ragun."*

Xehdet **Myriam Gauci**[5] u qalet li dakinhar tal-kuncert ma kenitx *"al corrente li kien hemm il-PBS qed jirrekordja dakinhar."* Spjegat li kienet mistiedna fil-programm *"Nofsinhar flimkien"*, imbaghad Claudette Pace qaltilha li se taghmel xi sorpriza u tas-silta tal-kuncert. Myriam Gauci haditha bhala sorpriza u hadet gost biha, pero' ma gietx imposta minnha. Hi thallset mill-INIA izda ma kellhiex x'taqsam ma' *recording.*

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT

Jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet li :

A) l-atturi kienu l-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur ghall-kuncert imsemmi, difatti ma hemm l-ebda eccezzjoni sollevata f'dan is-sens; u

b) li ma kienx hemm ftehim bejniethom li awtorizzat lill-PBS biex jiffilmjaw il-kuncert u jxandruh. Dan jirrizulta *espressis verbis* mit-tieni eccezzjoni sollevata mill-PBS in kwantu tghid li "*Ghalkemm kien hemm negozjati bejn l-*

---

[5] Seduta ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-25 ta' Frar 2005 a fol. 109 *et seq.* tal-process.

*attur u s-socjeta` konvenuta ghall-gbid tal-kuncert intier (<u>fuq dan ma intlahaqx ftehim</u>)...."*(sottolinear tal-Qorti).

Ikkonsidrat li gie ppruvat b'mod soddisfacjenti li l-atturi hallsu lill-muzicisti u lis-Soprano Myriam Gauci u l-Maestro Laus ghall-prestazzjonijiet taghhom fil-kuncert.

Ghalkemm fil-bidu kien hemm xhieda konfliggenti bejn il-partijiet rigward it-talba da parti tal-INIA ghall-hlas ta' Lm2,000 sabiex jigu ceduti d-drittijiet tal-awtur, dan il-konflitt gie mwarrab principalment meta rega' gie riprodott it-Tabib Hyzler u kkonferma x-xhieda tieghu precedenti. Dan hu bizzejjed ghall-Qorti biex taccetta l-veracita` tax-xhieda tat-Tabib Hyzler. Hija konvinta li ma kienx jerga' jitla' jixhed li kieku ma kienx cert mill-fatti. *Inoltre* meta rega' xehed Albert Marshall, li kien is-CEO tal-PBS dak iz-zmien ikkonceda li *"..jekk it-Tabib Hyzler xehed hekk taht gurament u jiena ma nistax naghmel 'recollection' ta' dan il-kaz allura t-tabib Hyzler ghandu ragun."*

Il-kwistjoni ghalhekk tirrizolvi ruhha f'ezami jekk il-PBS jista' jipprevali minn xi difiza ammissibbli bil-Ligi biex tezonera ruhha mill-effetti ta' ksur tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur tal-atturi nomine.

**<u>Ligi Applikabbli</u>**

**Dritt Tranzitorju**

Il-kawza giet intavolata fit-13 ta' April 1998 u cioe` meta kien ghadu *in vigore* l**-Kap 196** tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Att gie sostitwit bl-Att XIII tal-2000 (**Kap 415 tal-Ligijiet ta' Malta)** wara li nfethet din il-kawza u ghalhekk tqum kwistjoni ta' dritt tranzitorju. Dan l-Att jinkorpora klawsola tranzitorja (klawsola numru **60**). Skont din il-klawsola, jirrizulta li l-ammendi japplikaw - "*salvi d-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (2), għal xogħlijiet magħmula qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att meta l-perjodu ta' protezzjoni ma jkunx, mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, skeda taħt l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, imħassar b'dan l-Att.*"

Ghalhekk ghalkemm fil-Kap. 415 hemm dispożizzjoni dwar l-effett tal-ligi fiż-żmien, madankollu, billi fil-każ odjern mhux biss ix-xoghol li dwaru saret il-kawża, iżda wkoll l-ghemil tal-konvenuti, bi ksur tad-drittijiet ta’ l-awtur, sar qabel il-bidu fis-sehh tal-ligi l-gdida, l-atturi kellhom jedd miksub ghad-danni taht il-ligi l-qadima, u ghalhekk hija l-ligi l-qadima li tirregola l-mertu tal-kaz kif ukoll il-*quantum* tad-danni.

**<u>It-Tieni Eccezzjoni - Kunsens tas-socjeta` attrici</u>**

**Skont l-artikolu 13 (1) tal-Kap 196 (Att VI tal-1967) :**

"*Id-drittijiet ta' l-awtur jigu miksura minn kull persuna li taghmel jew iggieghel lil haddiehor li jaghmel, minghajr licenzja tal-proprjetarju ta' dawk id-drittijiet, att li l-ghemil tieghu huwa kontrollat minn drittijiet ta' l-awtur."*

Is-socjeta` konvenuta eccepiet li "*rapprezentanti ta' l-atturi staqsew lill-impjegati tas-socjeta` konvenuta biex jingibdu siltiet u infatti fis-sala l-'cameraman' iffilmja apertament quddiem kulhadd bla ma gie mizmum minn hadd.*

Illi skont l-artikolu **12(3) tal-Kap 196** "*Ebda cessjoni ta' drittijiet ta' l-awtur u ebda licenzja biex jintaghmel att li l-ghemil tieghu hu kkontrollat minn drittijiet ta' l-awtur ma jkollha effett <u>jekk ma tkunx bil-miktub</u>."* (enfasi tal-Qorti).

Il-legislatur stipula forma *ad validitatem* ghac-cessjoni ta' drittijiet ta' l-awtur u s-socjeta` konvenuta certament ma tistax tistrieh fuq xi ftehim jew permess mhux redatt f'din il-forma.

Jekk kien hemm permess biss verbali dan jista' jkun rilevanti *ai fini* tal-likwidazzjon ta' danni kif ser jigi trattat iktar 'il quddiem.

Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi michuda in kwantu insostenibbli legalment u fattwalment.

**<u>It-Tielet Eccezzjoni</u>**

Is-socjeta` konvenuta eccepiet li ma wettqet l-ebda ksur "*ghaliex is-siltiet intwerew fil-kuntest ta' programmi kulturali bhala rivista u rapportar ta' avveniment kulturali korrenti."*

Dwar dan jirrizulta li l-filmati gew murija fuq *Sellili* u *Meander* u f'programm minnhom, kienet mistiedna ewlenija is-Soprano Myriam Gauci.

Skont l-artikolu **13(2) tal-Kap 196:**

"*(2) Id-drittijiet tal-awtur jigu miksura wkoll minn kull persuna li minghajr licenzja mill-proprjetarju tad-drittijiet ta' l-awtur....b'negozju tesibixxi fil-pubbliku xi artikolu li dwaru jigu miksura d-drittijiet tal-awtur skont l-ahhar subartikolu qabel dan."*

Imbaghad l-**artikolu 7,** jeskludi mill-protezzjoni tad-dritt tal-awtur :

"(a) L-*ghemil ta' xi wiehed mill-atti... ghal skopijiet ta'....rapportar ta' avvenimenti korrenti, izda jekk dak l-uzu jkun pubbliku jkollu mieghu rikonoxximent tat-titlu tax-xoghol u ta' l-awtur tieghu..."*

**Joseph Galea** xehed ukoll iffilmjaw biss "rushes" jew *spots*. Izda dan mhuwiex issopportat b'xi prova. Anzi permezz ta' din it-tielet eccezzjoni, is-socjeta` PBS mhix certament qed titkellem dwar promozzjoni tal-kuncert (li jsir qabel id-data tal-avveniment) imma dwar filmati li sehhew waqt il-kuncert u li tghid li intwerew fil-kuntest ta' programmi li huma speci ta' rivista kulturali.

Il-Qorti ma kellhiex a dispozizzjoni kopji tal-filmati u tista' tistrieh biss fuq ix-xhiedha prodotti. It-Tabib Hyzler induna li kien hemm filmjar kwazi mill-bidu tal-kuncert u dan kompla. Jirrizulta li l-PBS ghandu f'idejh filmati tal-kuncert, li, kif gja stabbiliet il-Qorti, saru minghajr il-kunsens tal-proprjetarju tad-dritt tal-awtur. Bhal ma kien hemm l-ebda ftehim dwar l-iffilmjar tal-kuncert, lanqas ma kien kien hemm l-ebda ftehim dwar l-uzu ta' dawn il-filmati, li baqghu fil-pussess tal-PBS.

Is-socjeta` konvenuta ma ressqet l-ebda prova biex tissostanzja t-tezi li dawn il-programmi kienu semplicement qed jirraportaw l-avveniment.

Xejn ma jsir b'xejn u l-PBS bhal kull attivita` ohra tax-xandir topera fuq bazi kummercjali u ekonomika. Hija ragunata li jekk il-PBS kellha f'idejha filmjar ta' kuncert fejn il-protagonista hija soprano ta' fama internazzjonali, dan kien ikun ta' attrazzjoni u valur ai fini ta' reklamar u udjenza.

**Danni**

L-atturi qed jitolbu li jigu kkumpensati *in linea* ta' danni kif ukoll li s-socjeta` konvenuta tirritorna lill-atturi l-artikoli kollha li jiksru d-drittijiet taghha konsistenti fit-*tapes* tal-kuncert. Dwar dawn jirrizulta mix-xhieda li huma arkivjati mill-PBS.

Id-dispożizzjoni relevanti ghalhekk hija dik li nsibu fl-art. 13(3) u 13(4) tal-Kap. 196:

***13.*** *(3) Meta xi hadd jikser d-drittijiet ta' l-awtur fuq xi xoghol huwa jkun jista', fuq istanza tal-proprjetarju ta' dawk id-drittijiet ta' l-awtur, jigi kundannat mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, ghall-hlas tad-danni jew ghall-hlas ta' penali ta' mhux anqas minn ghaxar liri (Lm10) u mhux aktar minn hames mitt lira (Lm500) kif dik il-qorti, wara li tiehu kont tac-cirkostanzi tal-każ, jidhrilha xieraq, u ghar-restituzzjoni tal-qligh kollu li jkun sar mill-ksur tad-drittijiet ta' l-awtur."*

Izda, dan kollu ma jghoddx fil-kaz li l-konvenut ikun jista' jgib prova, ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, li fiz-zmien tal-kontravenzjoni, ma kienx jaf u ma setax ikun ragonevolment mistenni li jkun jaf, li kienu jezistu drittijiet ta' l-awtur, drittijiet vicini jew drittijiet *sui generis* fuq ix-xoghol li ghalih l-azzjoni tirriferixxi. F'tali kaz, il-Qorti m'ghandhiex tikkundannah ghar-restituzzjoni tal-qligh.

Il-piz tal-prova li ma kienx jaf, jew ma setax ragjonevolment ikun jaf, bid-drittijiet tal-awtur, jinkombi fuq

is-socjeta` konvenuta u f'dan il-kaz, din il-prova ma saritx. Anzi ghall-kuntrarju, il-fatti juru li s-socjeta' konvenuta kienet taf ben tajjeb li l-atturi kienu proprjetarji tad-dritt tal-awtur fir-rigward tal-kuncert in kwistjoni. Ma seta kien hemm ebda ambigwita dwar dan. Difatti jirrizulta kkontestat li meta silta giet trasmessa fuq il-programm *Sellili* kondotta minn Claudette Pace, Myriam Gauci, li kienet il-mistiedna fuq il-programm, kienet sorpriza u stqarret li ma kienetx taf li l-kuncert kien qed jigi ffilmjat. Myriam Gauci hija Soprano ta' fama internazzjonali u kienet iddiskutiet mat-Tabib Hyzler li f'kaz li l-kuncert jigi ffilmjat riedet ikollha l-opportunita' teditjah.

*Inoltre* t-Tabib Hyzler kien ghamilha cara fil-laqgha li kellu ma' Albert Marshall li kien hemm "*No deal"* fuq l-iffilmjar tal-kuncert galadarba l-PBS ma accettatx li thallas il-figura (elfejn lira) proposta mill-INIA.

L-allegazzjoni li kien hemm xi awtorizzazzjoni da parti tal-atturi saret minn **Joseph Galea** li qal li kien Lino Zahra li qalilhom biex jiffilmjaw siltiet mill-kuncert. Din ix-xhieda mhix sopportata b'ebda prova korroborattiva u in kwantu inverosimili mhix qed tigi akkolta. Anzi hija disdetta b'manjiera cara mit-Tabib Hyzler li qal li Lino Zahra ma kienx id-Direttur tal-INIA u ghalhekk ma setax jagixxi in rapprezentanza tal-Agenzija. Apparti dan l-istess Zahra jghid li ma nghata l-ebda permess lill-PBS. Zahra kien jaf perfettament li ma kienx intlahaq ftehim bejn il-kontendenti u l-allegazzjoni li seta' awtorizza l-filmjar tal-kuncert b'xejn u *ad insaputa* tad-Direttur, it-Tabib Hyzler mhix verosimili u b'konsegwenza mhix kredibbli fic-cirkostanzi. Apparti dan, ix-xhud Joseph Galea, wkoll eskluda li sar xi diskors da parti tat-Tabib Hyzler ghall-kumpens ta' elfejn lira sabiex il-PBS jiffilmjaw il-kuncert, meta il-fatt li sehh dan id-diskors gie koncess minn Albert Marshall meta gie riprodott biex jaghti x-xhiedha tieghu.

Lanqas hija difiza ghall-PBS biex jghidu li l-*cameraman* "ma gie mizmum minn hadd" ghaliex tenut kont li l-kuncert kien 'Gala Concert' organizzat konguntivament mill-Istitut Internazzjonali INIA u minn ditta internazzjonali *RheumaDerm,* ma setghux jippretendu li d-Dirtettur tal-

Inia ser jirriskja li johloq dizgwid waqt li jkun ghaddej l-avveniment li swielhom tant flus (circa Lm6,500) u anke jimbarazza kemm lill-partecipanti, kif ukoll lill-istess organizzaturi.

Fid-dawl tal-provi prodotti l-Qorti tikkonkludi li gie ppruvat li s-socjeta` intimata kienet taf li kienet qed tiffilmja minghajr l-icken approvazzjoni, imqarr verbali, tal-atturi.

Ikkonsidrat li s-socjeta` konvenuta effettivament "*esproprjat*" lill-atturi, billi l-fakolta' tax-xandir televiziv haduha minn jeddhom, minghajr il-kunsens ta' l-atturi, u ghalhekk d-danni ghandhom jirriflettu dan il-fatt ukoll.

Il-Qorti ghaldaqstant qed tillikwida in *linea* ta' danni l-massimu previst mil-ligi u cioe`, l-ammont ta' elf mija u hamsa u sittin ewro (€1,165) (Lm500).

Ikkonsidrat li hija diskrezzjonali ghall-Qorti li tapplika l-penali u kumpens ghat-telf ta' profitt kumulattivament.

Dwar it-telf ta' profitt il-Qorti f'sentenza "***Alfred Vella-Gera v Edwin Bonnici***" (App Civ. (Sir Anthony Mamo) - dec. fit-12 ta' Lulju 1965) irriteniet li "*l-unika haga li skont il-provi tista' tigi kunsidrata hi t-telf ta' profitt li l-appellant kien xort'ohra jaghmel kieku ttrasferixxa lill-appellat il-'copyright' b'mod assolut.*"

Fil-kaz in ezami, l-atturi ma ressqux provi dwar kif wasslu ghall-figura ta' elfejn lira Maltin li kienu pproponew bhala kumpens ghac-cessjoni tad-drittijiet proprjetarji taghhom lill-PBS. Huma semplicement jinsistu fuq din is-somma bhala korrispettiv li jidhrilhom li hu xieraq ghall-uzu illecitu li sar.

Din l-istqarrijia, *sic et simpliciter* ma tistax tibbasta bhala prova in sostanza ta' danni pretizi ghaliex hija ghal soggettiva u ipotetika.

Jirrizulta bhala fatt konkret li l-muzicisti (erbghin fit-total) ippretendew hlas ta' Lm12 bhala kumpens addizzjonali f'kas li l-kuncert kien ser jixxandar. Dan igib total ta'

Lm480 *in linea* ta' danni attwali (cioe` elf, hdax-il mija u tmintax-il-ewro (€1,118). Izda din it-talba ma gietx segwita b'xi proceduri kontra l-atturi nomine, u l-atturi ma jirraprezentawx lil dawn il-muzicisti. Huma l-atturi li huma l-proprjetarji *ai fini* ta' dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni ta' din il-pretensjoni in kwantu li ma gietx konkretizzata.

Ghalhekk it-talba ghall-elfejn liri Maltin (Lm2,000) dovuti bhala telf ta' profitt mhix sorretta bil-provi prodotti u ser tigi michuda.

**Talba ghar-restituzzjoni**

L-atturi qed jitolbu r-restituzzjoni tal-filmati li saru bi ksur tal-ligi. Skont l-artikolu **13(4) tal-Kap 196** "*Il-Qorti tista'...tordna li l-artikoli kollha li jiksru d-drittijiet tieghu li jkunu ghadhom fil-pussess tal-konvenut jigu konsenjati lill-attur."*

Jirrizulta li dawn ghadhom fil-pussess tas-socjeta` konvenuta u l-Qorti qed tilqa' din it-talba.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni stante li din giet sorvolata, u **tichad** l-eccezzjonijiet rimanenti tas-socjeta` konvenuta, tiddisponi mit-talbiet attrici kif gej: -

1. **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghall-agir illegali li jledi d-drittijiet tal-atturi bhala awturi protetti bil-Kap. 196 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **Tilqa'** it-tieni talba attrici u tillikwida d-danni sofferti mill-atturi *a tenur* tal-Art. 13 (3) tal-Kap. 196 fl-ammont ta' elf mija u hamsa u sittin ewro (€1,165).

3. **Tilqa'** t-tielet talba attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-atturi dik is-somma hekk likwidata ta' elf mija u hamsa u sittin ewro (€1,165) flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

4. **Tilqa'** ir-raba' talba attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex tirritorna lill-atturi l-artikoli kollha li jiksru d-drittijiet tieghu, konsistenti fit-*tapes* tal-kuncert u dan fi zmien li qed jigi ffissat perentorjament ta' xahar millum.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------